



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8861/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0152(NLE)

SAN 255
PHARM 88
COVID-19 95
PROCIV 58

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 214 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-ħamsa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fir-rigward ta' ċerti emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 214 final.

Mehmuż: COM(2022) 214 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.5.2022
COM(2022) 214 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-ħamsa u sebgħin
sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fir-rigward ta' ċerti emendi għar-Regolamenti
Internazzjonali tas-Saħħa (2005)**

ANNESS

L-Unjoni tappoġġa l-emendi li ġejjin għall-Artikolu 59 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005), indikati b'tipa grassa u li huma ingassati:

Artikolu 59 Dħul fis-seħħ; perjodu għaċ-ċaħda jew għar-riżervi

1. Il-perjodu previst fl-eżekuzzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kostituzzjoni tad-WHO għaċ-ċaħda ta' dawn ir-Regolamenti ~~jew ta' emenda għalihom~~, jew ta' riżerva għalihom, għandu jkun ta' 18-il xahar mid-data tan-notifika mid-Direttur Ġenerali, dwar l-adozzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ~~jew ta' emenda għal dawn ir-Regolamenti~~ mill-Assemblea tas-Saħħa. Kwalunkwe ċaħda jew riżerva li jaslu għand id-Direttur Ġenerali wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ma għandu jkollhom l-ebda effett.
- 1bis **Il-perjodu previst fl-eżekuzzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kostituzzjoni tad-WHO għaċ-ċaħda ta' emenda għal dawn ir-Regolamenti, jew ta' riżerva għaliha, għandu jkun ta' disa' xhur mid-data tan-notifika mid-Direttur Ġenerali, dwar l-adozzjoni ta' emenda għal dawn ir-Regolamenti mill-Assemblea tas-Saħħa. Kwalunkwe ċaħda jew riżerva li jaslu għand id-Direttur Ġenerali wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ma għandu jkollhom l-ebda effett.**
2. Dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ 24 xahar wara d-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, **u l-emendi għal dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ 12-il xahar wara d-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1bis ta' dan l-Artikolu,** għajr għal:
(...)
(b) Stat li jkun għamel riżerva, li minħabba fiha dawn ir-Regolamenti **jew emenda għalihom** għandhom jidħlu fis-seħħ kif previst fl-Artikolu 62;
(...)
3. Jekk Stat ma jkunx jista' jaġġusta l-arranġamenti leġislattivi u amministrattivi domestiċi tiegħu kompletament ma' dawn ir-Regolamenti **jew ma' emenda għalihom** fil-perjodi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, **kif applikabbli**, fil-perjodu applikabbli speċifikat fil-paragrafu 1 **jew 1bis** ta' dan l-Artikolu, dak l-Istat għandu jressaq dikjarazzjoni lid-Direttur Ġenerali dwar l-aġġustamenti pendenti u jiksibhom mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti għal dik l-Istat Parti **u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' emenda għal dawn ir-Regolamenti għal dik l-Istat Parti.**

L-Unjoni tappoġġa wkoll l-emendi tekniċi għall-Artikoli 55(3), 61, 62 u 63(1) tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005). L-emendi għal dawn l-artikoli huma indikati b'tipa skura u huma ingassati:

Artikolu 55 Emendi

(...)

3. L-emendi għar-Regolamenti adottati mill-Assemblea tas-Saħħa skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ bl-istess termini għall-Istati Partijiet kollha, u jkunu soġġetti għall-istess drittijiet u obbligi, kif previst fl-Artikolu 22 tal-Kostituzzjoni

tad-WHO u fl-Artikolu 59 sa 64 ta' dawn ir-Regolamenti, **soġġett għall-perjodi previsti f'dawk l-Artikoli fir-rigward tal-emendi għal dawn ir-Regolamenti.**

Artikolu 61 Ċaħda

Jekk Stat jinnotifika lid-Direttur Ġenerali dwar iċ-ċaħda tiegħu ta' dawn ir-Regolamenti jew ta' emenda għalihom fi żmien il-perjodu **applikabbli** previst fil-paragrafu 1 **jew 1bis** tal-Artikolu 59, dawn ir-Regolamenti jew l-emenda kkonċernata ma għandhomx jidħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dak l-Istat. Kwalunkwe ftehim jew regolament internazzjonali dwar is-saħħa elenkati fl-Artikolu 58, li tali Stat diġà jkun parti għalihom għandhom jibqgħu fis-seħħ sa fejn tali Stat ikun ikkonċernat.

Artikolu 62 Riżerva

1. L-Istati jistgħu jagħmlu riżervi għal dawn ir-Regolamenti **jew għal emenda għalihom** f'konformità ma' dan l-Artikolu. Tali riżervi ma għandhomx ikunu inkompatibbli mal-għan u l-iskop ta' dawn ir-Regolamenti.
2. Ir-riżervi għal dawn ir-Regolamenti **jew għal emenda għalihom** għandhom jiġu nnotifikati lid-Direttur Ġenerali f'konformità mal-paragrafi 1 **u 1bis** tal-Artikolu 59 u tal-Artikolu 60, mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 63 jew mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 64, skont il-każ. Stat mhux Membru tad-WHO għandu jinnotifika lid-Direttur Ġenerali dwar kwalunkwe riżerva bin-notifika tiegħu dwar l-aċċettazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti. Jenħtieġ li l-Istati li jifformulaw r-riżervi jagħtu r-raġunijiet għar-riżervi lid-Direttur Ġenerali.
3. Ċaħda parzjali ta' dawn ir-Regolamenti **jew ta' emenda għalihom** għandha titqies bħala riżerva.
4. Id-Direttur Ġenerali għandu, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 65, joħroġ notifika ta' kull riżerva li jirċievi skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Id-Direttur Ġenerali għandu:

(...)

(c) jitleb lill-Istati Partijiet jinnotifikawh bi kwalunkwe oġġezzjoni għar-riżerva fi żmien tliet xhur, jekk ir-riżerva tkun saret għal emenda għal dawn ir-Regolamenti. Jenħtieġ li l-Istati Partijiet li joġġezzjonaw għal riżerva għal emenda għal dawn ir-Regolamenti jagħtu r-raġunijiet għall-oġġezzjoni lid-Direttur Ġenerali.

Jenħtieġ li l-Istati li joġġezzjonaw għal riżerva jagħtu r-raġunijiet għall-oġġezzjoni lid-Direttur Ġenerali.

5. Wara dan il-perjodu, id-Direttur Ġenerali għandu jinnotifika lill-Istati Partijiet kollha dwar l-oġġezzjonijiet li jkun irċieva fir-rigward tar-riżervi. **Fil-każ li ssir riżerva għal dawn ir-Regolamenti, Ssakemm ma ssirx oġġezzjoni għal riżerva minn terz tal-Istati msemmiya fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu sa tmiem sitt xhur mid-data tan-notifika msemmiya fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, din għandha titqies bħala aċċettata u dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Istat li jagħmel ir-riżerva, soġġett għar-riżerva. Fil-każ li ssir riżerva għal emenda għal dawn ir-Regolamenti, sakemm ma ssirx oġġezzjoni għal riżerva minn terz tal-Istati msemmiya fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu sa tmiem tliet xhur mid-data tan-notifika msemmiya fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, din għandha titqies bħala**

aċċettata u l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Istat li jagħmel ir-riżerva, soġġett għar-riżerva.

6. Jekk mill-inqas terz tal-Istati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu joġġezzjonaw għar-riżerva **għal dawn ir-Regolamenti** sa tmiem sitt xhur mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, **jew, fil-każ li ssir riżerva għal emenda għal dawn ir-Regolamenti sa tmiem tliet xhur mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu,** id-Direttur Ġenerali għandu jinnotifika lill-Istat li jagħmel ir-riżerva bil-ħsieb li dan tal-aħħar jikkunsidra li jirtira r-riżerva fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika mid-Direttur Ġenerali.

(...)

9. Id-Direttur Ġenerali għandu jressaq ir-riżerva, u jekk applikabbli, il-fehmiet tal-Kumitat ta' Reviżjoni, lill-Assemblea tas-Saħħa għall-kunsiderazzjoni tagħha. Jekk l-Assemblea tas-Saħħa, b'vot ta' maġġoranza, toġġezzjona għar-riżerva għar-raġuni li din tkun inkompatibbli mal-għan u l-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, ir-riżerva ma għandhiex tiġi aċċettata u dawn ir-Regolamenti **jew emenda għalihom** għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Istat li jagħmel ir-riżerva biss wara li dan jirtira r-riżerva tiegħu skont l-Artikolu 63. Jekk l-Assemblea tas-Saħħa taċċetta r-riżerva, dawn ir-Regolamenti **jew emenda għalihom** għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Istat li jagħmel ir-riżerva, soġġett għar-riżerva tiegħu.

Artikolu 63 Irtirar ta' ċaħda u ta' riżerva

1. Ċaħda li ssir skont l-Artikolu 61 tista', fi kwalunkwe ħin, tiġi rtirata minn Stat billi jinnotifika lid-Direttur Ġenerali. F'tali każijiet, dawn ir-Regolamenti **jew emenda għalihom, kif applikabbli,** għandhom jidħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dak l-Istat mal-wasla tan-notifika għand id-Direttur Ġenerali, għajr meta l-Istat jagħmel riżerva meta jirtira ċ-ċaħda tiegħu. F'dan il-każ, dawn ir-Regolamenti **jew emenda għalihom, kif applikabbli,** għandhom jidħlu fis-seħħ kif previst fl-Artikolu 62. Dawn ir-Regolamenti fl-ebda każ ma għandhom jidħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dak l-Istat qabel 24 xahar wara d-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 59 **u fl-ebda każ ma għandha tidħol fis-seħħ emenda għal dawn ir-Regolamenti fir-rigward ta' dak l-Istat qabel 12-il xahar wara d-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1bis tal-Artikolu 59.**

(...)